# Birmiftuħ fl-Assedju l-Kbir

Bla dubju ta' xejn l-Assedju l-Kbir kien esperjenza tal-biża' għan-nies li għaddew minnu. It-tbatija kienet kemm fiżika u kemm psikoloġika. Min miet, min baqa' korrut, u min tilef l-għeżież tiegħu. Oħrajn ftaqru. Żgur li kulħadd ħass il-biża' dwar x'jiġri jekk l-għedewwa jirnexxilhom jieħdu lil Malta. Nistgħu ngħidu li kulħadd għadda minn trawma kbira. Hawnhekk se nġibu xi ġrajjiet li laqtu nies minn Birmiftuħ.

It-Torok sbarkaw l-armata f'Marsaxlokk u waqqfu l-kamp prinċipali tagħhom fil-Marsa. Dan ġabhom qrib ħafna ta' Birmiftuħ. Anzi, biex jipproteġu t-trasferiment ta' munizzjon u provvisti minn Marsaxlokk għall-Marsa mill-attakki tal-Kavallieri fil-Birgu, kienu jżommu għassa qawwija f'Ħal Tarxien[1], dak iż-żmien parti minn Birmiftuħ. Hekk, kienu stazzjonati qrib ferm tal-Gudja u ta' Ħal Luqa. Dan kien ta' ħsara kbira għax kienet regola li armata tgħix kemm jista' jkun minn dak li tisraq mill-art tal-għedewwa. Barra minn hekk, l-aktar meta l-ġlied kien jiħrax, kienet issir ħafna ħsara bla bżonn. Ċertament li n-nies tal-irħula li ġidhom kien ir-raba', batew ħafna ħsara.[2]

F'każ ta' attakk, il-Maltin kważi kollha kienu jiġu mobilizzati. L-irġiel kienu jingħaqdu f'battaljuni skont il-parroċċi. Il-kumpanija ta' Birmiftuħ kellha 560 suldat, inklużi l-kavallerija taħt il-Kavallier Fra Antoine de Gillars.[3] La Valette bagħathom, flimkien ma' kumpaniji oħra, fl-Imdina li kienet ikkmandata mill-gvernatur Pietro Mesquita.[4] Wara l-waqgħa ta' Sant Jiermu, deher li kien imiss li jiġu attakkati l-ibliet ta' ħdejn il-port u La Vallette ordna li xi wħud mill-kumpaniji tad-dejma jitilqu mill-Imdina u jmorru l-Isla u l-Birgu. Il-kumpanija ta' Birmiftuħ ġiet stazzjonata l-Isla fuq is-sur faċċata ta' Kordin.[5] Dawn issieltu fl-attakki ħorox fuq San Mikiel. Is-suldati tal-kavallerija baqgħu l-Imdina minn fejn kienu joħorġu jattakkaw lit-Torok għall-għarrieda.[6]

Pietro Schembri, bidwi mill-Gudja, kien fost dawk li ġarrbu ħafna ħsara mill-armata Torka fi żmien l-Assedju.[7] Hu, flimkien ma' ħutu, kellu xi artijiet b'ċens li kienu miżrugħa bil-qamħ is-sena ta' qabel (jiġifieri fl-1565) meta kien hawn l-armata Torka. It-Torok ħarqu l-għelieqi u hu lanqas ħa qamħa waħda. Hu lmenta li fl-1566 ġie mtella' l-qorti għax ma ħallasx iċ-ċens ta' uqija u 26 tari, li kienu dovuti minnu għall-parti tal-art li kienet tmiss lilu. Hu kien mhedded li jeħel il-ħabs għalkemm dan kien każ mhux tas-soltu u l-għedewwa kienu ħarqulu kollox, tant li rrovinawlu dak li kellu u ħallewh fi stat ta' faqar kbir. Għalhekk talab (lill-Isqof) li jinħafirlu, jekk mhux kull ma kienu serqu l-għedewwa, imqar in-nofs jew inkella kemm jogħġbu hu. Talab ukoll biex jingħata aktar żmien biex iħallas. Fil-fatt ġie mogħti żmien sa Santa Marija. Fl-1575 insibu li dan il-bidwi kellu għalqa, magħrufa bħala 'Telludi' li kienet tappartjeni lil-knisja tat-twelid ta' Sidtna Marija u kellu għalqa oħra tappartjeni lil-knisja tal-Madonna ta' Loreto. Kien ukoll wieħed mill-ewwel fratelli tal-Konfraternità ġdida tas-Sagrament.



Paulo Bonavia wkoll kellu raba' fil-Gudja, *ta Rahanie* (?). Dan ukoll ġarrab ħafna ħsara meta l-flotta Torka ġiet Malta u għamlitha ħerba.[8]. Paulo Bonavia wkoll jissemma fil-lista tal-fratelli tas-Sagrament meta twaqqfet fl-1575. Dawn u każi oħra simili juru, li għalkemm il-gvern kien ordna li l-uċuħ jiġu miġbura kmieni jew meqruda, ħafna bdiewa m'obdewx.[9]

Antonio Farrugia (*farruge*), mill-Imqabba, fix-xhieda tiegħu qal li meta waslet il-flotta Torka, kien qiegħed il-Birgu u sema' xi ħadd jgħid li ħdejn ix-xatt tal-Birgu, fost il-katavri li kienu nġabu mill-fortizza ta' Sant Jiermu, kien ra u għaraf sew il-katavru ta' (ċertu) Biagio, kemm minn wiċċu kif ukoll minn marki oħra f'ġismu. Antonio Farrugia rrakkonta kif omm Biagio għamlet il-vistu, libset l-iswed u għal xi ġranet kienet tibki (*dolorando*). Fi ftit ġranet, waqt l-istess Assedju, mietet bi swied il-qalb.[10]

L-Assedju baqa' punt ta' referenza għal snin wara. Insibu bosta espressjonijiet bħal dawn li ġejjin. Xi xhieda f'każ li nqala' f'Ħal Safi, tkellmu dwar "Sena wara l-Assedju" u "Ftit żmien qabel l-Assedju". Bnadi oħra naqraw "Fl-aħħar (ġranet) ta' April qabel l-Assedju li għadda", "fir-Randan qabel l-Assedju li għadda", u "xi xahar qabel l-Assedju." Tassew li n-nies ta' dak iż-żmien ma kellhomx idea tant ċara ta' dati, tant li ħafna kienu jagħtu l-età tagħhom 'madwar', imma tant tiltaqa' ma' espressjonijiet bħal dawk li semmejna, illi tifhem, li l-avvenimenti tal-1565 baqgħu stampati f'moħħ dawk li għaddew minnhom.

**Paul Farrugia B.A. (Gen.) M.A.**

1 Francisco Balbi di Coreggio, *The Siege of Malta*, Butler and Tanner, London 1965, 48-49.
2 Din tista' tkun raġuni għax kien hemm tant knejjes f'kundizzjoni ħażina fl-1575. Il-kappelli m'hemmx dubju li sfaw fil-mira tal-għadu u n-nies, għax kienu ftaqru, ħadu snin biex isewwu d-danni.
3 Carlo Sanminiatelli Zabarella, *Lo Assedio di Malta*, Torino 1902, 165.
4 Ibid., 169.
5 Ibid., 341.
6 Ibid.
7 CEM Acta 1567 Ms 47 f 151.
8 CEM Acta 1567 Ms 47 f 99.
9 Balbi di Coreggio, 67. Dan il-kittieb, li kien suldat fil-Birgu u ħalla djarju tal-Assedju, isemmi li kien baqa' ħafna wċuħ li ma nġabrux.
10 CEM Acta 1568 Ms 48, f 116.